MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2010

Talba Numru. 955/2008

GO p.l.c. (C22334).

Vs

A & J Projects Limited (C28054).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas minghand is-socjeta' konvenuta tas-somma ta' elfejn, mija u tnejn u tletin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€2132.41) in konnessjoni ma servizz telefoniku bin-numru 21492891, u dana skond diversi kontijiet mibghuta lilha. U peress illi s-socjeta' konvenuta interpellata diversi drabi baqghet inadempjenti, kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet preliminarjament illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma

preskritti ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u illi bla pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu t-talba tas-socjeta' attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici stante li l-ebda ammont ma huwa dovut mis-socjeta' konvenuta. Salv eccezzjonijiet ulterjui.

Sema x-xhieda ta' Dr. Ingrid Zammit Young in rapprezentanza tas-socjeta' attrici.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema t-trattazzjoni tal-avukat difensur tas-socjeta' attrici.

**Ikkunsidra.**

Illi fl-ewwel lok, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jiddeciedi dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u cioe dik dwar il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe l-preskrizzjoni ta' hames snin.

Illi skond id-dokumenti esebiti, u l-prospett ta' pagamenti li saru mis-socjeta' konvenuta, jidher li din ta' l-ahhar kienet ghamlet xi pagamenti lis-socjeta' attrici fis-sena 2004. Fil-fatt l-ahhar pagament li jidher li sar mis-socjeta' konvenuta huwa dak datat 17 ta' Dicembru tas-sena 2004. Dan kien pagament akkont, u b'hekk jirrizulta li l-preskrizzjoni giet interrotta f'dak il-mument.

Jirrizulta wkoll li l-kawza kontra s-socjeta' konvenuta giet ipprezentata fis-17 ta' Dicembru tas-sena 2008, u ghalhekk entro t-terminu ta' hames snin mill-ahhar pagament li sar.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tigi michuda.

Illi fil-mertu, ix-xhud Dr. Ingrid Zammit Young li xehedet in rapprezentanza tas-socjeta' attrici, spjegat b'mod car

x'kien l-ammont dovut mis-socjeta' konvenuta, dwar meta nghata s-servizz mis-socjeta' attrici, kif ukoll dwar il-hlasijiet li saru mis-socjeta' konvenuta. Hija esebiet ukoll diversi dokumenti in sostenn tat-talba attrici.

Illi minn-naha taghha, s-socjeta konvenuta ma gabet l-ebda prova kwalsiasi la in sostenn tal-eccezzjoni taghha tal-preskrizzjoni u lanqas sabiex tikkontesta it-talba attrici fil-mertu.

In vista ta' dan, it-Tribunal ma jara l-ebda raguni ghalfejn it-talba attrici m'ghandhiex tigi milqugha fl-intier taghha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijet tas-socjeta' konvenuta u jilqa t-talba attrici billi jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, mija u tnejn u tletin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€2132.41), bl-imghax kif miltub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------